MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 246/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Chetcuti**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Chetcuti fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli a nom u in rappresentanza ta’ Clouds Catering Co. Limited u bhala persuna registrata mal-Kummissarju ta’ t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 27 ta’ Marzu, 2001 u moghtija fil-konfront tieghu in kwantu li naqas, kif ordnat fl-imsemija sentenza, li fi zmien xaharejn mid-data tas-sentenza jikkonforma ruhhu mal-ligi taht penali ta’ multa ta’ sitt liri (Lm6) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgahddi l-imsemmi zmien; l-ewwel qorti giet ghalhekk mitluba li tikkundanna lill-imputat li jhallas il-penali msemmija fis-

sentenza (tas-27 ta' Marzu, 2001) ghall-periodu mit-28 ta' Mejju, 2001 sal-15 ta' Ottubru, 2002, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Francis Chetcuti hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundannatu ghall-penali ta' multa ta' tlett elef u sitta w tletin lira (Lm3,036), rappresentanti l-periodu bejn it-28 ta' Mejju, 2001 sad-data tal-15 ta' Ottubru, 2002, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Francis Chetcuti, minnu ppresentat fit-23 ta' Ottubru, 2002 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat id-digriet ta' dezerzjoni pronunzjat fl-udjenza tal-14 ta' Frar, 2003; rat ukoll it-talba ghar-riappuntament maghmula skond il-ligi (b'rikors datat 14 ta' Frar, 2003), u d-digriet ta' riappuntament tat-18 ta' Frar, 2003; rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel wiehed hu fis-sens li s-sentenza hija nulla peress li, fi kliem l-istess appellant, "ma saritx l-identifikazzjoni ta' l-imputat mal-persuna li kien gie kkundannat mill-Qorti fis-sentenza tas-27 ta' Marzu, 2001". Dana l-aggravju huwa wiehed altament fieragh. Mid-deposizzjoni ta' James Farrugia jirrizulta abbundantement car li l-appellant odjern huwa l-istess persuna li gie kkundannat bis-sentenza tas-27 ta' Marzu, 2001. L-appellant jippretendi li tali identifikazzjoni kellha ssir minn ufficjal tal-Korp tal-Pulizija u mhux mir-rappresentant tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Ma hemm xejn fil-ligi li jezigi li tali identifikazzjoni ssir minn ufficjal tal-Pulizija; din l-identifikazzjoni tista' ssir minn kwalsiasi persuna li tkun f'posizzjoni li tikkonferma li l-ewwel sentenza tkun effettivament inghatat fil-konfront ta' l-imputat. Fil-fatt <u>il-prova ta' l-identita` tista' anke tirrizulta mill-istess atti</u>, u fil-kaz odjern strettament anqas kien hemm ghalfejn li jkun hemm xhud ghal dana l-fini stante li l-konnotati li jidhru fuq il-komparixxi (u li ghaliha

wiegeb l-appellant, allura imputat, quddiem l-ewwel qorti) jaqblu perfettament mal-konnotati li jidhru fis-sentenza tas-27 ta' Marzu, 2001.

It-tieni aggravju hu fis-sens li ma kienx minnu li l-appellant naqas li jikkonforma ruhhu mal-ligi billi ma pprezentax id-denunzja tat-taxxa ghall-periodu msemmi fis-sentenza tas-27 ta' Marzu, 2001. Infatti l-appellant mar-rikors tieghu (u minghajr il-permess ta' din il-Qorti) pprezenta kopja ta' denunzja ghall-periodu li jindika t-tmiem bhala "31/8/99", u bit-timbru "Received 15 July 2000 Vat Department Registry". Pero` kif fisser ix-xhud James Farrugia, din id-denunzja ma kienitx akkumpanjata bil-hlas relattiv; konsegwentement, skond l-Artkolu 27(4) tal-Kap. 406, tali denunzja ghandha titqies bahal li ma saritx. Ghalhekk dana l-aggravju huwa wkoll wiehed fieragh.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh fis-sens tas-subartiklu (2) ta' l-Artikolu 429 tal-Kodici Krminali, tikkundanna lill-appellant ammenda ta' hamsin lira (Lm50) konvertibbli f'ghaxart ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------